MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 123/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Jose' Nelson De Vella Seixes**

**Kumpilazzjoni Numru: 123/2009**

**Illum 29 ta' Settembru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jose' Nelson De Vella Seixes, ta' 23 sena, iben Aguinaldo De Silva Seixes

u Mary Rose nee’ Vella, imwieled Cascais Portugal nhar it-28 ta’ Marzu, 1985 u residenti fil-fond ‘Pearl Black Court’, Flat No 4, Triq il-Buttuiera, Marsascala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 49993M.

Akkuzat
1. Talli Fid-19 ta’ Dicembru 2005, gewwa Rahal Gdid ghal habta ta’ 6:30 ta’ filghaxija ikkommetta serq ra’ vettura ta’ l-ghamla Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni TFB-180, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi €2,329.37, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta’ Alfred Vella u/jew persuni ohra;

2. Talli bejn id-19 u l-25 ta’ Dicembru, 2005 f’ diversi bnadi f’ dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe’ laqgha ghandu l-imsemmija vettura ta’ l-ghamla Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni TFB-180;

3. Talli fl-istess perjodu f’ diversi lokalitajiet f’ dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fl-imsemmija vettura TFB-180 liema hsara tiskorri €116.47 ghad-detriment ta’ l-imsemmi Alfred Vella u/jew persuni ohra;

4. Talli fl-istess perjodu f’ diversi lokalitajiet f’ dawn il-Gzejjer, sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru ANN-308 liema pjanci jappartjeni vettura ta’ l-ghamla Renault Megane fuq vettura tal-ghamla Mazda 626 bin-numru originali TFB-180;

5. Talli fl-istess perjodu f’ diversi lokalitajiet f’ dawn il-Gzejjer, sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju

ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja tal-windscreen bin-numru serjali E454296 li kienu jappartjeni vettura ta’ l-ghamla Lada Riva bin-numru tar-registrazzjoni FAS-649 fuq vettura tal-ghamla Mazda 626 li kellha numru tar-registrazzjoni TFB-180;

6. U fl-ahhar nett talli f’ dawn il-Gzejjer f’ xi zmien qabel il-25 ta’ Dicembru, 2005, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat ser jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe’ laqa’ ghandu sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni bin-numru ANN-308, liema pjanci kienu nsterqu nhar is-7 ta’ Awwissu 2005 minn fuq vettura ta’ l-ghamla Renault Megane li kienet ipparkjata Ta’ Qali, liema serq sar ghad-detriment ta’ Justin Vella u/jew persuni ohra.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

a) 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279, 280 u 281;
b) 18, 334 u 334A;
c) 18, 325(1) u 335;
d) 18, 188 u 189;
e) 18, 188 u 189;
f) 18, 334 u 334A; u
g) 17, 23, 31, 532A, 532B u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri jirrizultaw s-segwenti fatti:

- Nhar is-7 ta' Awissu 2005 insterqu n-*number plates* tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni ANN 308;
- Nhar id-19 ta' Dicembru 2005 insterqet il-vettura tat-tip Mazda 626 b'numru ta' registrazzjoni TFB 180;
- Nhar it-23 ta' Dicembru 2005 saret *hold up* fuq l-istabbiliment Munchies fi Triq il-Kappella San Gwann; f'din il-*hold up* intuzat il-vettura fuq imsemmija pero kellha in-*number plates* ANN 308;
- Nhar il-25 ta' Dicembru 2005 instabet il-vettura fuq imsemmija bin-*number plates* ANN 308 u bil-*license disc* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 649; il-vettura kellha xi hsara u kellha ukoll numru ta' *stickers* imwahhlin man-naha ta' barra, dawn l-*istickers* twahhlu mal-vettura wara li nsterqet; fuq l-*isticky side* ta' wahda minn dawn l-*istickers* kien hemm zewg impronti digitali li gew komparati pozittivament ma' l-impronta tas-saba tan-nofs ta' id ix-xellugija ta'l-imputat;
- Nhar is-26 ta' Dicembru 2005 sar rapport li f'xi zmien bejn it-23 u s-26 ta' Dicembru 2005 insterqet il-*license disc* tal-vettura ossia van bin-numru ta' registrazzjoni FAS 649.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali huma dawk ta' serq jew ricettazzjoni tal-vettura ta' tip Mazda 626 bin-numru ta' registrazzjoni TFB 180; ta' hsara volontarja fuq din il-vettura; ta' dikjarazzjoni falza in kwantu wahhal in-*number plates* bin-numru ANN 308 fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFB 180; ta' dikjarazzjoni falza in kwantu wahhal il-*license disc* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 649 fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFB 180; u ta' ricettazzjoni tan-*number plates* bin-numru ANN 308.

Ikkunsidrat

Illi f'dawn il-proceduri tressqu numru ta' xhiedha. Xehdu l-persuni kollha li b'xi mod jew iehor gew derubati u xehdu

ukoll il-pulizija kollha li kienu involuti f'l-istharrig tal-varji rapporti u incidenti elenkati fir-rassenja tal-fatti, hekk kif xehdu l-esperti li gew nominati fil-kors ta'l-inkjesta li kienet inzammet b'relazzjoni mal-*hold up* fuq imsemmija. Hadd minn dawn il-persuni fid-depozizzjoni tieghu ma rabat lill-imputat mal-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi fil-fatt l-unika prova li b'xi mod tirrigwarda lill-imputat hija iz-zewg impronti li kien hemm fuq l-*isticky side* ta' wahda mill-*istickers* li nstabu fuq il-vettura misruqa. U hija fuq din l-unika prova li l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija darbtejn u fiz-zewg okkazzjonijiet cahad l-involviment tieghu f'kwalunkwe wiehed mir-reati li qed jigu addebietata lilu.

Illi bla dubbju ta' xejn din il-prova hija prova indizjarja u l-principji regolaturi fir-rigward ta' provi indizjarji huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lill' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[1]. Fil-fatt il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda[2].

Illi fil-kaz in ezami pero ma jistax jinghad li din l-unika prova (fid-dawl tal-provi l-ohra kollha prodotti) hija univoka u twassal ghal konkluzzjoni wahda biss b'mod li tnissel konvinciment morali 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli dwar l-involviment ta'l-imputat f'kwalunkwe wiehed mir-reati lilu addebietati u cioe fis-serq u/jew ricettazzjoni tal-vettura TFB 180 u tan-*number plates* ANN 308 jew fid-dikjarazzjoni falza koncernantti *number plates* u *license disc*.

---

[1] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)
[2] Ref Pulizija vs Carmelo Calleja (Appell Kriminali 07.05.2010)

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------